# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis sbatax (17) ta' Marzu 2016**

**Rikors Numru 79/15 FDP**

**Mobisle Communications Ltd (C 24655) u, permezz ta' digriet datat 18 ta' Jannar 2016, assumiet l-atti s-socjeta GO p.l.c. (C 22334)**

**vs**

**Cappitta Daniela (ID 580476M) ghan-nom u in rappresnetanza tas-socjeta EIE (Malta) Limited (C 37889)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-4 ta' Marzu 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' tmint elef, disgha mija u hamsa u sittin Euro u sebgha u disghin centezmu (€8,965.94) rapprezentanti ammont dovuti in konnessjoni mas-servizzi bil-kont AC50917817 kif ahjar deskritt fl-avviz.

Bl-ispejjez kif deskritti fl-avviz u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni.

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati permezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni u dana billi, fit 2 ta' Frar 2016, saret l-affissjoni gewwa l-Kunsill Lokali, Iklin, l-Ghassa tal-Pulizija gewwa Iklin u fl-indirizz ta' l-intimat (fol 31 tergo), saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fl 4 ta' Marzu 2016 (fol 32) u fit-Times of Malta fl 1 ta' Marzu 2016 (fol 34).

Illi fis-seduta ta' l-14 ta' Marzu 2016 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 36).

Rat illi fis-seduta ta' llum, il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmint elef, disgha mija u hamsa u sittin Euro u sebgha u disghin centezmu (€8,965.94) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuta kif mitluba.**

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Magistrat

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur